MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 68/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joan Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joan Azzopardi talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn is-27 ta' Settembru 2010 u l-1 ta' Novembru 2010, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqset li taghti lil Carmel Borg u/jew lil uliedha s-somma ffissata min dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Jannar 2011 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 338 (z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmija Joan Azzopardi hatja u kkundannatha gimaghtejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joan Azzopardi pprezentat fid-9 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u b’dan li ma ssibhiex hatja ta’ l-imputazzjoni u tilliberaha minn kull htija, jew alternativament tvarja s-sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta fuqha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sitwazzjoni finanzjarja taghha hi wahda kritika peress illi ma tahdimx u l-uniku introjtu taghha hija kirja ta’ €209.64 fix-xahar. Il-proprjeta` l-ohra taghha hi marbuta mal HSBC Bank (Malta) p.l.c. in vista ta’ dejn li ghandha ma’ l-istess Bank, ghandha debitu mad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li qed jithallas bil-€50 fix-xahar, u dan oltre dejn iehor lil terzi. Hija intavolat proceduri ta’ medjazzjoni u rikors sabiex jigi ridott jew imnehhi l-manteniment li giet ikkundannata thallas, u se tinizja proceduri ohra sabiex ikollha access ghat-tfal. F’dan il-kaz jiskatta l-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, kif gie affermat fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Gaetano Micallef** deciz fit-12 ta’ Marzu 2009; (2) li ghalkemm il-piena hi fil-parametri tal-ligi, il-fatti tal-kaz jimmilitaw favur piena li mhix dik ta’ detenzjoni.

Issa, fil-mori ta’ l-appell l-appellanti hallset mhux biss l-ammont dovut skond ic-citazzjoni (ara ittra datata 7 ta’ Frar 2011 mibghuta mill-Avukat ta’ l-appellanti lill-Avukat tal-kwerelant) izda sahansitra hallset l-arretrati kollha dovuti ta’ manteniment sax-xahar ta’ Mejju 2011 (ara nota

ta' l-1 ta' Gunju 2011 u rcevuta annessa). Ghalhekk mhuwiex il-kaz illi din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellanti.

Dwar il-piena, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimaghtejn detenzjoni u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien tliet xhur millum. Din il-qorti fissret lill-hatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------